PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

7.11.2007 PE396.767v01-00

EMENDI 1-6

Abbozz ta' opinjoni **(PE394.183v01-00)**
Magda Kósáné Kovács
Il-futur demografiku ta’ l-Ewropa
(2007/2156(INI))

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 1
Paragrafu 3

3. Jaqbel li, apparti l-immigrazzjoni legali, iż-żieda fir-rata tat-twelid hija prijorità; jenfasizza li din il-prijorità tista’ tkun segwita permezz ta’ politiki soċjali u familjari effiċjenti dwar il-ġlieda kontra l-faqar ta’ ċerti familji, it-tnaqqis ***tan-numru ta' tfal li qegħdin f'riskju ta' faqar*** u l-promozzjoni ta’ opportunijiet indaqs;

Or. en

Emenda mressqa minn Ona Juknevičienė

Emenda 2
Paragrafu 4 a (ġdid)

4a. Iqis li l-politiki dwar il-familja ta' l-Istati Membri, fost affarijiet oħra, għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-inugwaljanza ta' l-opportunitajiet offruti liċ-ċittadini li għandhom it-tfal u dawk li m'għandhomx, jiżguraw id-disponibilità ta' servizzi ta' għajnuna lill-ġenituri fil-forma ta' edukazzjoni u kura għal tfal żgħar, kura u sorveljanza għal tfal ikbar u joffru kemm lill-irġiel u kemm lin-nisa opportunitajiet aħjar għal tagħlim tul il-ħajja u biex jiksbu bilanċ bejn il-ħajja privata u professjonali tagħhom;

Or. en

Emenda mressqa minn Ona Juknevičienė

Emenda 3
Paragrafu 4 b (ġdid)

4b. Jitlob lill-Istati Membri biex jutilizzaw aktar attivament il-Fondi Strutturali Ewropej biex jimplimentaw varji politiki dwar il-familja, inkluż l-appoġġ għall-opportunitajiet indaqs u għall-bilanċ tal-ħajja tal-familja u professjonali fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 4
Paragrafu 6

6. Ifakkar li d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' età fl-impjieg u fix-xogħol u tagħti lill-Istati Membri l-possibilità li jieħdu azzjoni pożittiva biex ***jimpedixxu d-diskriminazzjoni u joħolqu opportunitajiet indaqs;***

Or. en

Emenda mressqa minn Magda Kósáné Kovács

Emenda 5
Paragrafu 7 a (ġdid)

7a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiġbor dejta statistika segregata fuq il-gruppi ta' etajiet varji skond il-problemi differenti ffaċċjati u l-firxa wiesgħa ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' età;

Or. en

Emenda mressqa minn Magda Kósáné Kovács

Emenda 6
Paragrafu 7 b (ġdid)

7b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78/KE għal oqsma oħra apparti l-impjieg u x-xogħol;

Or. en